MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2005

Numru 749/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH CORDINA**

**VS**

**CHARMAINE FARRUGIA**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Charmaine Farrugia ta’ 26 sena bint George u Catherine nee’ Grixti, imwieleda tal-Pieta nhar is-17 ta’ Lulju, 1977, u toqghod 16, Triq il-Fenici, Qrenndi, ID NRU: 361777 (M);

Akkuzata talli fl-24 ta’ Gunju, 2004 u fil-gimghat precedenti f’dawn il-gzejjer, iffalsifikat biljetti tal-flus jew

mexxiet biljetti tal-flus falsifikati u cioe’ biljetti ta’ Lm5, liema biljetti tal-flus hi kienet taf li huma falsifikati;

U aktar talli fl-istess cirkustanzi, minghajr awtorita’ legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtrat jew irceviet minghand xi persuna, jew kellha fil-kustodja jew pussess taghha, biljetti tal-flus falsifikati li kienet taf li l-istess biljetti tal-flus kienu falsifikati.

Wara li semghat l-ammissjoni tal-imputata fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonferamta mill-istess imputata wara li l-Qorti tatha zmien tikkonsiddra d-dikjarazzjoni taghha skond il-Ligi;

Wara li rat id-dokumenti ezebiti, u l-fedina penali netta tal-imputata;

Rat l-Artikoli 45 u 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni l-Qorti ssib lill-imputata hajta tal-akkuzi kif dedotti, u wara li rat t-tiena akkuza hija alternattiva ghall-ewwel akkuza, tordna li l-imputata titqieghed that Ordni ta’ Probation ghal perjodu ta’ 3 snin *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata
R4 tas-sentenza lill-imputata.

Tordna notifika tas-sentenza lid-Direttur tal-Probation ghall-finijiet tal-Ordni hawn fuq moghtija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------